



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Frar 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0047(NLE)

6887/23
ADD 1

AELE 6
EEE 3
N 17
ISL 18
FL 4
MI 143
ENT 37
AGRILEG 30
ENV 181
CHIMIE 13
IND 73

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 95 final
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE (Fertilizzanti)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 95 final.

Mehmuż: COM(2023) 95 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.2.2023
COM(2023) 95 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

(Fertilizzanti)

ANNESS

ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru [...]

ta' [...]

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jstabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003¹, kif ikkoreġut minn ĠU L 83, 10.3.2022, p. 66 u ĠU L 161, 16.6.2022, p. 121, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1768 tat-23 ta' Ġunju 2021 li jemenda, għall-fini tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku, l-Annessi I, II, III u IV tar-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE² għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1178 tas-27 ta' Lulju 2020 dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali notifikati mir-Renju tad-Danimarka skont l-Artikolu 114(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea rigward il-kontenut ta' kadmju fil-fertilizzanti³ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1184 tas-17 ta' Lulju 2020 dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali notifikati mir-Renju tad-Danimarka skont l-Artikolu 114(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea rigward il-kontenut ta' kadmju fil-fertilizzanti⁴ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1205 tas-6 ta' Awwissu 2020 dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali notifikati mir-Repubblika Slovakkja skont l-Artikolu 114(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea rigward il-kontenut ta' kadmju fil-fertilizzanti fosfatiċi⁵ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

¹ ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1.

² ĠU L 356, 8.10.2021, p. 8.

³ ĠU L 259, 10.8.2020, p. 14.

⁴ ĠU L 261, 11.8.2020, p. 42.

⁵ ĠU L 270, 18.8.2020, p. 7.

- (6) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dehra viżiva tat-tikketta fuq il-prodotti fertilizzanti tal-UE msemija fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (7) Ir-Regolament (UE) 2019/1009 iħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, li huwa inkorporat fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandu jiħassar skont il-Ftehim ŻEE.
- (8) Id-deroga li tippermetti lill-Istati taż-ŻEE-EFTA jillimitaw il-kummerċjalizzazzjoni ta' fertilizzanti fis-swieq tagħhom minħabba l-kontenut ta' kadmju ilha fis-seħħ fil-Ftehim ŻEE mid-dħul fis-seħħ tiegħu fl-1994. Fir-rigward tal-Istati Membri tal-UE li nġataw l-istess deroga fir-rigward tal-kontenut ta' kadmju fil-fertilizzanti, jibqgħu validi ċ-ċirkostanzi fattwali li jeħtieġu din id-deroga.
- (9) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2004⁸, (KE) Nru 162/2007⁹, (KE) Nru 1107/2008¹⁰, (KE) Nru 1020/2009¹¹, (UE) Nru 137/2011¹², (UE) Nru 223/2012¹³, (UE) Nru 463/2013¹⁴, (UE) Nru 1257/2014¹⁵, (UE) 2016/1618¹⁶, (UE) 2019/1102¹⁷, (UE) 2020/1666¹⁸ u (UE) 2021/862¹⁹, li huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE, ma għadhomx validi u konsegwentement għandhom jiħassru skont il-Ftehim ŻEE.
- (10) Din id-Deċiżjoni fiha dispożizzjonijiet rigward kwistjonijiet veterinarji. Il-leġislazzjoni rigward kwistjonijiet veterinarji ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli jiġi estiż għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I.
- (11) L-Annessi I u II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li għalhekk jiġu emendat skont dan,
- ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 9b (ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Parti 7.1 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE:

“- **32019 R 1009:** Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 (ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1), kif ikkoreġut minn ĠU L 83, 10.3.2022, p. 66 u ĠU L 161, 16.6.2022, p. 121.”

⁶ ĠU C 119, 7.4.2021, p. 1.

⁷ ĠU L 304, 21.11.2003, p. 1.

⁸ ĠU L 359, 4.12.2004, p. 25.

⁹ ĠU L 51, 20.2.2007, p. 7.

¹⁰ ĠU L 299, 8.11.2008, p. 13.

¹¹ ĠU L 282, 29.10.2009, p. 7.

¹² ĠU L 43, 17.2.2011, p. 1.

¹³ ĠU L 75, 15.3.2012, p. 12.

¹⁴ ĠU L 134, 18.5.2013, p. 1.

¹⁵ ĠU L 337, 25.11.2014, p. 53.

¹⁶ ĠU L 242, 9.9.2016, p. 24.

¹⁷ ĠU L 175, 28.6.2019, p. 25.

¹⁸ ĠU L 377, 11.11.2020, p. 3.

¹⁹ ĠU L 190, 31.5.2021, p. 74.

Artikolu 2

L-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 1 (ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XIV għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“**32019 R 1009**: Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003, (ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1), kif ikkoreġut minn ĠU L 83, 10.3.2022, p. 66 u ĠU L 161, 16.6.2022, p. 121, kif emendat minn:

- **32021 R 1768**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1768 tat-23 ta' Ġunju 2021 (ĠU L 356, 8.10.2021, p. 8).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) L-Istati taż-ŻEE-EFTA għandhom ikunu liberi jkomplu japplikaw il-valuri ta' limitu nazzjonali tagħhom għall-kadmju fil-fertilizzanti fosfatiċi li jeżisti fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta' [din id-deċiżjoni] sakemm isiru applikabbli fiż-Żona Ekonomika Ewropea l-valuri ta' limitu armonizzati għall-kontenut ta' kadmju fil-fertilizzanti fosfatiċi li huma ndaqs jew aktar baxxi minn daww il-valuri ta' limitu.
- (b) Fl-Artikolu 1(2), il-punti li ġejjin għandhom jiżdiedu wara l-punt (p):
 - “(q) il-liġi nazzjonali dwar is-saħħa tal-pjanti tal-Istati tal-EFTA;
 - (r) il-liġi nazzjonali dwar l-ispeċijiet aljeni invażivi tal-Istati tal-EFTA.”
- (c) Fl-Artikolu 52, fir-rigward tal-Istati EFTA, il-kliem “jew id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta' [din id-deċiżjoni], skont liema data tkun l-iżjed tard” jiddaħħlu wara l-kliem “16 ta' Lulju 2022”.

2. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 5 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/390/KE) tal-Kapitolu XIV:

- “6. **32020 D 1178**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1178 tas-27 ta' Lulju 2020 dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali notifikati mir-Renju tad-Danimarka skont l-Artikolu 114(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea rigward il-kontenut ta' kadmju fil-fertilizzanti (ĠU L 259, 10.8.2020, p. 14).
7. **32022 D 1184**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1184 tas-17 ta' Lulju 2020 dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali notifikati mill-Ungerija skont l-Artikolu 114(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar il-kontenut ta' kadmju fil-fertilizzanti fosfatiċi (ĠU L 261, 11.8.2020, p. 42).
8. **32020 D 1205**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1205 tas-6 ta' Awwissu 2020 dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali notifikati mir-Repubblika Slovakkja skont l-Artikolu 114(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea rigward il-kontenut ta' kadmju fil-fertilizzanti fosfatiċi (ĠU L 270, 18.8.2020, p. 7).

ATTI LI TAGĦHOM GĦANDHOM JIEĦDU NOTA L-PARTIJET KONTRAENTI

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu nota tal-atti li ġejjin:

1. **52021XC0407(04)**: Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dehra viżiva tat-tikketta fuq il-prodotti fertilizzanti tal-UE msemija fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 119, 7.4.2021, p. 1).”
3. Il-punt 13 (ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XV huwa emendat kif ġej:
 - (i) jiżdied l-inċiż li ġej:

“- **32019 R 1009**: Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1), kif ikkoreġut minn ĠU L 83, 10.3.2022, p. 66 u ĠU L 161, 16.6.2022, p. 121.”
 - (ii) l-adattamenti (i) u (j) huma rinumerati bħala l-adattamenti (j) u (k), rispettivament.
 - (iii) l-adattament li ġej jiddaħħal wara l-adattament (h):

“(i) Fl-Artikolu 80(8), fir-rigward tal-Istati EFTA, il-kliem “15 ta’ Lulju 2019” għandhom jaqraw “id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta’ [din id-deċiżjoni]”.”

Artikolu 3

It-testi tar-Regolament (UE) 2019/1009, kif ikkoreġuti minn ĠU L 83, 10.3.2022, p. 66 u ĠU L 161, 16.6.2022, p. 121, u r-Regolament Delegat (UE) 2021/1768, id-Deċiżjonijiet (UE) 2020/1178, (UE) 2020/1184 u (UE) 2020/1205, u tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dehra viżiva tat-tikketta fuq il-prodotti fertilizzanti tal-UE msemija fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta’ wara dik li fiha tkun saret l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, [...].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

* [Mhuwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

Il-President

[...]

Is-Segretarji

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

[...]